# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Nru. 1413

KAZ NRU. 1340

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Albert Muscat

u

Medserv Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Illum : 22 ta' Mejju, 2003

**Chairman : Is-sur Maurice Petrocochino**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali mill-Onor. Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali b'ittra datata 7 ta' Mejju, 1999 b'riferenza MSP/TI/42/99 biex jigi kkunsidrat u deciz skond il-Ligi.

Fid-Dikjarazzjoni tal-kaz taghha l-kumpanija sostniet li t-Tribunal ma kienx kompetenti li jiehu konjizzjoni tal-kaz minhabba klawsola arbitrali stipulata fil-kuntratt tal-impjieg.

It-Tribunal m'accettax din it-tezi u b'Digriet datat 2 ta' Settembru, 1999 qal li l-Art. 28(i) tal-Industrial Relations Act kien jaghtih gurisdizzjoni esklussiva u li l-Art. 38 tac-C.E.R.A. kien iqis null kull provvediment ta' kuntratt li jistipula kundizzjonijiet anqas favorevoli ghall-impjegat minn dak stipulat fl-istess Att.

Fuq talba tal-kumpanija, l-Prim Awla tal-Qorti Civili kkunsidrat l-appell mid-decizjoni tat-Tribunal u b'sentenza datata 2 t'Ottubru, 2002 ikkonstatat li ma ratx li kien hemm xi skorrettezza fid-decizjoni tat-Tribunal u ghalhekk cahdet it-talba ta' nullita'.

It-Tribunal rega' beda jisma' l-kaz u rrileva li xtaq li jigu trattati :-

a) Il-kliem bejn ir-Rig Supervisor u l-Project Manager (it-tnejn Taljani) "I would like to change together these two persons";

b) il-Fax lill-Medserv "it would be really appreciated if you change the above mentioned employees as soon as possible as they are creating trouble on the place of work";

c) l-Art. 9 tal-kuntratt tax-xoghol dwar "gross misconduct u l-Art. 14 dwar "dismissed for any reason whatsoever".

Fi ftit kliem il-kawza ta' tmiem l-impjieg, mharsa mill-att taz-zewg impjegati mkeccija kienet :

l-Assistant Driller qal li meta dahal ghax-xoghol ra li "l-haddiem l-iehor Ghawdxi (Pawlu Camilleri) kien qieghed jahdem wahdu;

Qal li ghalkemm dan seta' jsir, ir-regolamenti jghidu li jridu jkunu tnejn min nies;

Qal li wara zewg ordnijiet li ma gewx esegwiti, hu tilef il-pacenzja u ta daqqa ta' harta lill-appellant.

Minn naha tieghu, l-appellant qal li kien hemm arrangament bejn it-tlett 'roughnecks' biex wiehed jitlaq kmieni u l-appellant

jidhol biex ibiddlu qabel ma jibda x-shift; Qal li meta wiehed minnhom irrizenja dahal Pawlu Camilleri li ma kellux esperjenza;

Qal li offrielu jaghzel fejn ried jahdem - dan ghazel - izda meta rah f'diffikulta' mar jghinu izda darbtejn gie rrifjutat;

Qal li meta dahal l-Assitant Driller, li ma kienx jaf x'kien gara qabel, dan ra lil Camilleri wahdu u tah daqtejn.

Fil-fatt, is-Saipem, kumpanija Taljana, ghazlet li tinqeda bil-Medserv biex ikollha nies jahdmu maghha minghajr ma tintrabat bir-regolamenti ta' pajjiz differenti minn taghha. Naturalment ukoll li l-Medserv accettat l-inkariku b'xi korrispettiv u libset il-kappell ta' "employer" u kienet hi responsabbli li tirrispetta l-obbligi tal-Ligi.

Ghalkemm hu logiku li jkun hemm ftehim bejn is-Saipem u l-Medserv ma nhassitx il-htiega li tintalab kopja tal-ftehim li jkun juri wkoll dettalji ta' negozju peress li s-sur Degiorgio, Business Manager, ikkonferma li kieku hu ma ttrasferiex lill-Bonello u Muscat, is-Saipem kienet twaqqaflu l-kuntratt.

Qal ukoll li kellu jittermina l-impjieg taz-zewg haddiema ghax ma kellux fejn jibghathom. Gross Misconduct ma ssemmiex.

It-Tribunal ihoss li din kienet problema self inflicted li tolqot biss lill-kumpanija ghax kienet hi biss li ghazlet li tidhol f'kuntratt ta' mpjieg ma' numru ta' persuni meta hi ma kellhiex direttament xoghol ghalihom u allura ma setax jaccetta dik id-decizjoni jekk ma jkunx hemm ragunijiet addizzjonali biex jiggustifikawha.

Deher ghalhekk li d-decizjoni li trid tittiehed minn dan it-Tribunal trid tkun bazata fuq il-kundizzjonijiet u responsabbilitajiet li johorgu (kemm fuq l-appellant kif ukoll fuq il-kumpanija ntimata) mill-kundizzjonijiet tal-ftehim tal-21

t'Awissu, 1998 li baqghu vigenti u li ma gewx annullati *ope legis*.

B'dak il-kuntratt, il-kumpanija ntimata kienet qeghda tagixxi bhala agenzija ta' mpjiegi biex twassal ghall-ftehim li persuna tmur tahdem ma' terza parti f'post specifiku u ghall-perijodu li mhux indeterminat izda sakemm l-istess terza parti kien ikollha bzonn is-servizz ta' l-appellant fuq il-post tax-xoghol miftiehem fil-kuntratt.

Fl-Artikolu numru 1 tal-kuntratt, il-kumpanija ntimata inkludiet perijodu ta' probation li jfisser li, ghal certu perijodu, it-terza parti kellha dritt tghid biss li ma kinitx kuntenta bl-appellant u ma taghti ebda spjegazzjoni ghaliex l-impjieg kien qed jigi terminat.

Dan ifisser li wara t-terminu ta' dan il-perijodu, tmiem l-impjieg kellu jsir b'gustifikazzjoni jekk it-terza parti (Saipem) kien ghada qed tirrikjedi impjieg ta' 'roughnecks'.

Tajjeb li jinghad ukoll li l-appellant kien hadem mal-kumpanija ntimata u mas-Saipem f'diversi okkazzjonijiet precedenti izda ghalkemm il-kapacita' u accettabilita' tal-appellant ma kienitx dubjuza, decizjoni a bazi ta' probation kellha tittiehed fi zmien limitat u s-Saipem u l-kumpanija ntimata m'utilizzawx dan il-bieb qabel ma nghalaq ghal dejjem.

Jinghad ukoll li skond l-Artikolu 9 tal-kuntratt, il-kumpanija ntimata kellha dritt tittermina l-impjieg minghajr il-htiega li taghti l-avvizi rikjesti mill-Employment (Regulation) Act, 1952 fil-kaz ta' Fross Misconduct. Dan pero' ma kienx jezonera lill-kumpanija mir-responsabbilita' li tistabilixxi kienx hemm Gross Misconduct.

Ghalhekk it-Tribunal kellu jindaga jekk kienx hemm raguni gusta ghat-tkeccija tal-appellant Albert muscat mill-impjieg tieghu mal-Medserv.

Is-superjur immedjat tieghu, Bonello – iddeskrivieh bhala mpjegat xejn desiderabbli u semma' l-indifferenza tieghu waqt is-session tas-Safety u r-rifjut li jilbes is-safety equipment – okkazzjoni fejn terminazzjoni tal-impjieg setghet issehh immedjatament u b'gustifikazzjoni – pero' tali decizjoni ma ttehdietx. Min naha l-ohra, jidher li l-appellant kien ilu snin jahdem mas-Saipem u kieku kellu rapporti hziena, zgur li ma kienx jigi accettat mas-Saipem.

Bonello qal li bejn Muscat u Pawlu Camilleri kien hemm certu nuqqas ta' ftehim – x'aktarx peress li kienu zewg Ghawdxin li ma jaqblux.

Qal li x-xoghol ta' roughnecks kien jirrikjedi tlett persuni jahdmu flimkien izda tnejn kienu accettabbli waqt li wiehed wahdu kien johloq problemi ta' sigurta' izda jidher li sakemm dahal ghax-xoghol Bonello, Camilleri mhux talli kien thalla jahdem wahdu, izda kien anke thalla jirrifjuta ghajnuna ta' Muscat.

It-Tribunal ihoss li f'certi sitwazzjonijiet ma tistax thalli l-anqas l-icken tolleranza fuq regolament ta' dixxiplina u safety pero' dan kien kompitu tas-Saipem ghaliex il-Medserv kienet biss organizzazzjoni li timpjega in-nies biex jahdmu mas-Saipem izda mbaghad, bhala l-principal ta' l-impjegati, l-Medserv biss setghet tevalwa incident u tiddeciedi fuq il-mertu u mhux ghax jghidilha xi hadd iehor "it would be really appreciated if you change the employees……" u ma taghmel ebda tentattiv li tisma' x'kien gara.

Mehuda in konsiderazzjoni dawn il-fatti, it-terminazzjoni ta' l-impjieg da parti tal-kumpanija ntimata mhux qeghda tigi kkunsidrata gusta.

Hemm kumplikazzjoni pero' ghaliex ix-xoghol tas-Saipem gie konkluz u l-impjieg ta' l-appellant kien ghal perijodu determinat. Ghalhekk l-ingustizzja sehhet biss sat-13 t'Awissu, 1999.

Jinghad ukoll li l-appellant kien ghamel appell quddiem l-Awtorita' Nazzjonali tax-xoghol peress li b'certifikat li jghid li kien gie "Dismissed" ma setax jirregistra ghax-xoghol. L-Awtorita' accettat l-appell u gie registrat mid-data tat-tkeccija – 13 t'April, 1999 u li b'hekk gie ntitolat ghall-beneficcju ta' min m'ghandux impjieg mill-istess data.

Ghalhekk peress li t-Tribunal ma jistax jordna re-instatement qieghed jigi ffissat kumpens bazat fuq il-paga bazika ta' Lm51.75 ( u jeskludi l-overtime, ecc.) fil-gimgha li jammonta ghal tmien mija u tmenin lira Maltin (Lm880).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

----------------------

**Maurice Petrocochino**
**Chairman**

-------------------

**Mary Rose Galea**
**Ghas-SEGRETARJU**